# QORTI TA' L-APPELL CIVILI

## IMHALLFIN

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 23 ta' April, 2001**

**Numru 28**

**Cit. Nru. 955/93 AM**

**Dr. Simon Micallef Stafrace bhala rapprezentant tas-socjeta' Formosa & Camileri Ltd., u din bhala agenti Malta ts-socjeta' assikuratrici estera Guardian Royal Exchange plc surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Muscats Motors Limited**

**vs**

**Adrian Mifsud u Neville Mifsud ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' S. Mifsud & Sons Limited u din bhala agenti Malta tas-socjeta' estera Ignazio Messina & C. S.p.A. armaturi tal-vapur "Jolly Oro"; u Godwin Abela u Alfred E. Aquilina ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' "The Cargo Handling Company Limited"; u b'nota tal-24 ta' Settembru, 1993, Bernard Sultana assuma l-atti tal-kawza minflok Adrian Mifsud ghan-**

**nom u in rapprezentanza tas-socjeta' S. Mifsud & Sons Limited**

## L-Att tac-Citazzjoni

Is-socjeta' assiguratrici attrici, kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Muscats Motors Limited, ipprocediet kontra l-konvenuti s-socjeta' S. Mifsud & Sons Limited bhala agenti f'Malta tas-socjeta' estera Ignazio Messina & C. S.p.A., armaturi tal-vapur "Jolly Oro" u s-socjeta' The Cargo Handling Company Limited b'dan l-att tac-citazzjoni:-

"L-attur nomine ppremetta:-

"Illi s-socjeta' Muscats Motors Limited importat gewwa Malta fuq il-vapur "Jolly Oro" konsenja ta' vetturi "Alfa Romeo";

Illi wara li waslet din il-merkanzija f'Malta fl-1 ta' Ottubru 1992 u nhattet f'idejn is-socjeta' "The Cargo Handling Company Limited" l-assigurat ta' l-attur gabar il-merkanzija in kwistjoni u sab li l-merkanzija kellha n-nuqqasijiet kif spjegati fid-Dokument "A";

Illi ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni bejn l-attur nomine u l-assigurat tieghu hu kellu jindenizza lill-assigurat tieghu tal-hsarat u danni li gew lilu kawzati u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet ta' l-istess assigurat;

Illi l-attur nomine jikkwantifika l-hsarat u nuqqasijiet riportati fil-merkanzija ta' l-assigurat tieghu fl-ammont ta' seba' mija u sbatax-il lira u sebghin centezmi (Lm717.70,0) inkluz f'din il-figura l-ammont ta' hamsin lira (Lm50) imhallsa bhala "survey fee";

Illi l-konvenuti nomine jew min minnhom huma responsabbli ghal dawn id-danni;

TALAB li dina l-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenuti nomine jew min minnhom responsabbli ghall-hsarat kagjonati fil-merkanzija ta' l-assigurat ta' l-attur nomine;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-assigurat ta' l-attur nomine li ghalihom ghamel tajjeb l-istess attur fis-somma ta' Lm717.70,0;

3. tikkundanna lill-konvenuti nomine jew min minnhom ihallsu lill-attur nomine s-somma ta' Lm717.70,0 bhala danni sofferti mill-attur nomine li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti nomine jew min minnhom;

- kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjes u interessi legali mid-data tal-pagament indikat fis-surroga fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi, kontra l-konvenuti nomine."

**Eccezzjonijiet**

Is-socjeta' S. Mifsud & Sons Limited nomine hekk eccepiet ghat-talbiet attrici:-

"1. Illi in kwantu d-domandi attrici huma diretti kontra s-socjeta' eccipjenti dawn ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes stante li huma ma humiex responsabbli ghall-allegati danni billi l-istess merkanzija tnizzlet minn abbord f'kondizzjoni tajba, skond kif jirrizulta mit-"tally sheets", debitament iffirmati mit-"tally clerk" ta' l-istess konvenut l-iehor;

2. Illi comunque r-responsabbilita' ta' l-eccipjenti kienet li jwasslu l-merkanzija mill-port tal-karikazzjoni sa Malta u dan l-obbligu l-esponenti adempewh diligentement".

Is-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited min-naha taghha, hekk eccepiet ghat-talbiet attrici:-

“1. Illi preliminarjament ghandu jigi esebit l-allegat kuntratt jew ftehim ta' agenzija li s-socjeta' attrici qed tallega li ghandha mas-socjeta' assiguratrici estera;

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandu jigi esebit il-mod u/jew ic-cheque li bih sar il-pagament ta' Lm667.70,0 lil Muscats Motors Ltd. u l-polza ta' l-assigurazzjoni relattiva;

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess, is-survey esebit ghandu jigi sfilzat, stante li huwa maghmul "ex parte" u kwindi mhux anness bhala prova;

4. Illi di piu' fil-meritu, l-impurtatur innifsu ffirma l-Gate Pass Out tramite rapprezentant tieghu, fejn huwa ddikjara li rcieva l-merkanzija "in good order and condition" bla ma ghamel jew insista ghall-ebda rimarka dwar l-istess u ai termini tas-sentenza datata 19 ta' Awissu 1992, fl-ismijiet "Reginald Micallef vs James Gollcher u Karl Gollcher u Godwin Abela u John Cavallo" (Citaz. Nru. 1103/86) Qorti ta' l-Appell, is-socjeta' konvenuta m'hijiex responsabbli ghall-allegati hsarat;

5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghall-premess l-ammont huwa ghal kollox esagerat stante li l-ammont ta' Lm50 bhala "survey fees" saru proprju mis-socjeta' attrici proprju u ma hemm ebda surroga ghar-rigward ta' l-istess u dana skond sentenza datata 6 ta' April 1992, fil-Qorti ta' l-Appell - Sede Kummercjali fl-ismijiet "Dr. Robert Staines u Walter Camilleri u Chev. Silvio Mifsud u Godwin Abela u John Cavallo" (Citaz. Nru. 112/86);

6. Illi apparti l-premess, u bla pregudizzju ghall-istess, dak li huwa deskritt bhala "survey fees" fic-citazzjoni f'dik is-"small claim information form" huwa bhala "agency fees" f'Dokument "A" u bhala spejjes proprio tas-socjeta' attrici ma jistghux jigu reklamati kontra l-esponenti nomine li mieghu l-esponenti nomine m'ghandu ebda relazzjoni guridika u dan ai termini tas-sentenza gia citata;

7. Illi di piu' u bla pregudizzju ghall-premess, l-interessi ma jiddekorrux mid-data tal-pagament, izda mid-data tas-sentenza, aktar u aktar meta l-konvenuti nomine qatt qabel din il-kawza ma gew notifikati bl-ammont u bid-dettalji ta' l-allegati hsarat u nuqqas, iktar u iktar meta tali dettalji kienu gia ghand is-socjeta' attrici fis-7 ta' Ottubru 1992 u l-kawza saret fid-9 ta' Lulju 1993. Di piu' il-konvenuti lanqas gew informati dwar l-allegati xogholijiet ta' tiswija;

8. Illi ghalhekk, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-attur nomine”.

L-istess socjeta’ konvenuta The Cargo Handling Company Limited eccepiet ulterjorment hekk:-

“1. Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gia sollevati l-konvenut Godwin Abela nomine mhux responsabbli ghall-allegati danni/nuqqas u dan ai termini ta' l-Artikolu 70 tal-Port Regulations 1966 (Amended by Legal Notice 28/73) peress li tali merkanzija hija meqjusa bhala "units" u tinghata biss ricevuta bhala tali "units";

2. Illi ai termini ta' l-Artikolu 6 (3) (a) (v) tal-Port Ordinance 1962 la darba tali merkanzija kienet meqjusa bhala "units" dan l-Artikolu jezimi ovvjament lis-socjeta' konvenuta minn kull responsabbilita';

3. Illi wkoll a bazi ta' l-Artikolu 90 u Schedule 13 tal-Port Regulations 1996, l-importatur jaf li tali merkanzija tinhazen "in the open and always at the sole risk of the owner" u ghalhekk anke f'dan il-kaz is-socjeta' konvenuta mhux responsabbli”.

**<u>Decide</u>**

Il-Prim’Awla tal-Qorti Civili, b’sentenza tas-6 ta’ Marzu, 1998, iddecidiet l-kawza billi laqghet l-eccezzjonjiet sollevati mis-socjeta’ S. Mifsud & Sons Limited nomine, cahdet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta’ konvenuta The Cargo Handling Company Limited, u konsegwentement laqghet it-talbiet attrici fil-konfront biss ta’ din l-ahhar imsemmija socjeta konvenuta bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika tac-citazzjoni. L-ispejjez tas-socjeta’ konvenuta S.

Mifsud & Sons Limited kellhom jithallsu kwantu ghal nofs mill-istess socjeta' u kwantu ghan-nofs l-iehor mis-socjeta' konvenuta l-ohra, filwaqt li l-ispejjez l-ohra kellhom jithallsu kollha mis-socjeta' konvenuta sokkombenti The Cargo Handling Company Limited.

**<u>Motivazzjoni tas-sentenza appellata</u>**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

> "Illi mill-provi prodotti jirrizulta sodisfacentement pruvat li l-vetturi in kwistjoni gew skarikati minn abbord minghajr nuqqasijiet kif jidher mill-Joint Tally Sheets ezibit miz-zewg socjetajiet konvenuti, liema Tally Sheets gew konfermati mit-Tally Clerks involuti, Charles Degiorgio ta' "The Cargo Handling Company Limited" u Ronald Muscat ta' "S. Mifsud & Sons Limited";
>
> Issa huwa minnu li lanqas fuq il-Gate Pass Out rilaxxat mis-socjeta' konvenuta "The Cargo Handling Company Limited" ma hemm rimarki dwar nuqqasijiet, pero' ir-rapprezentanti ta' l-importatur ma jaqblux ma' dak li tghid il-Gate Pass Out billi jsostnu li l-Gate Pass Out f'dik l-epoka ma kienx ikun fih in-nuqqasijiet jekk dawk ma jirrizultax ukoll mit-Tally Sheet u li huma kienu kostretti ma jinsistux li jitnizzlu n-nuqqasijiet ghax ineklla d-Delivery Clerk ta' "The Cargo Handling Company Limited" ma kienx jirrilaxxa l-merkanzija. Dak li xehdu Joseph Catania, Sandro Bugeja u Noel Ellul dwar din il-prassi, jew ahjar, malaprassi f'dak li kellu x'jaqsam mal-Gate Pass Out huwa indirettament korroborat mill-istess Delivery Clerk ta' "The Cargo Handling Company Limited", Leonard Brincat, li xehed li huwa kien jiccekkja t-Tally Sheet biex jara jekk il-vetturi kienux gew hekk. Hu qal li kien jaghmel dan biex jekk il-vetturi kienu gew skarikati hekk kien inizzel fuq il-Gate Pass Out il-frazi "as landed". Fil-fehma tal-Qorti d-Delivery Clerk ma kellux ghalfejn jara t-Tally Sheet ghaliex hu kellu jara l-vetturi fl-istat li kienu <u>dak il-hin</u> qabel jigu rilaxxati indipendentement minn kif kienu gew skarikati minn abbord. Ghalhekk, huwa ferm verosimili li d-Delivery Clerk ma nizzilx in-nuqqasijiet fuq il-Gate Pass Out

proprju kif qalu x-xhieda prodotti mill-attur nomine, ghaliex it-Tally Sheet kien "clean";

Ghalhekk is-socjeta' konvenuta "The Cargo Handling Company Limited" ghandha tigi ritenuta responsabbli ghan-nuqqasijiet in kwistjoni mill-vetturi tal-marka Alfa Romeo li huma elenkati fix-Schedule Dokument "A" a tergo ta' fol. 6 tal-process;

Ikonsidrat dwar l-eccezzjonijiet sollevati minn "The Cargo Handling Company Limited" li dawn m'humiex fondati la fil-fatt u lanqas fid-dritt, kif din il-Qorti, kif presjeduta, ga' ippronunzjat ruhha fuq l-eccezzjonijiet sollevati mill-istess socjeta' konvenuta f'decizjonijiet moghtija fi zminijiet recenti, u ghalhekk, ma hemmx lok li l-Qorti tirripeti l-motivi li gew esposti f'dawk id-decizjonijiet billi l-istess socjeta' konvenuta taf bihom;

Is-socjeta' konvenuta l-ohra "S. Mifsud & Sons Limited" ghandha ghalhekk tigi liberata mit-talbiet attrici, izda s-socjeta' attrici m'ghandhiex tbati spejjez, billi s-socjetajiet konvenuti, lill-attur nomine ma tawhx id-dokumentazzjoni kompleta qabel ma istitwixxa l-kawza izda semplicement qalulu li huma ma kienux responsabbli, u l-attur nomine, ghalhekk kellu jistitwixxi l-kawza fil-konfront taz-zewg socjetajiet konvenuti.

Ghalhekk, fil-fehma taghha ghandu jkun hemm temperament fil-kap ta' l-ispejjez fis-sens li ghalkemm ser ikun hemm liberazzjoni mit-talbiet ghar-rigward ta' wahda mis-socjetajiet konvenuti, l-attur nomine m'ghandux jigi akkollat bi spejjez u dawk tas-socjeta' konvenuta li ser tigi liberata mit-talbiet attrici ghandhom jigu sopportati nofs kull wiehed mis-socjetajiet konvenuti”.

## Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti

Din il-Qorti tinnota qabel xejn illi mis-sentenza tal-prim’istanza appellat biss is-socjeta’ The Cargo Handling Company Limited. Is-socjeta’ assikuratrici attrici u s-socjeta’ konvenuta S. Mifsud & Sons Limited nomine m’appellawx minn din is-sentenza. Dan ifisser illi l-istess socjeta’ S. Mifsud & Sons Limited nomine giet mehlusa minn kull

responsabilita' fil-mertu fir-rigward tat-talbiet attrici kif dedotti kontra taghha u f'dan l-aspett is-sentenza ghaddiet in gudikat. Mill-banda l-ohra l-istess sentenza ghaddiet ukoll in gudikat fir-rigward tat-temperament li ghamlet tal-kap ta' l-ispejjez fejn akkollat l-ispejjez ta' din is-socjeta' kwantu ghal nofs fuq l-istess socjeta', u kwantu ghan-nofs l-iehor fuq is-socjeta' konvenuta l-ohra.

Din it-tieni socjeta' The Cargo Handling Company Limited naturalment appellat kemm mill-mertu kif ukoll mill-kap ta' l-ispejjez b'aggravju li fih issostni tista' tghid l-eccezzjonijiet kollha minnha moghtija quddiem l-ewwel Qorti. Eccezzjonijiet li, kif din il-Qorti kellha f'diversi okkazzjonijiet l-opportunita' li tosserva, gew avanzati mis-socjeta' The Cargo Handling Company Limited tista' tghid f'kull wahda mill-hafna kawzi ta' din ix-xorta intavolati kontra taghha matul is-snin. Eccezzjonijiet li gew definiti f'diversi gudikati ta' dawn il-qrati, f'gurisprudenza li evolviet man mano illi beda jsir aktar apparenti x'kienet il-prattika portwali fiz-zmien rilevanti, liema prattika kkonduciet il-qrati biex jiddefinixxu b'aktar korrettezza il-valur probatorju tad-dokumenti portwali li jiccertifikaw l-istat ta' merkanzija fid-diversi mumenti ta' l-operazzjoni bejn l-izbark ta' l-istess merkanzija u l-konsenja taghha lill-importatur.

Mhux allura l-kaz li f'din il-kawza jigu ripetuti l-konsiderazzjonijiet li saru f'dawn il-gudikati, li, di recente, huma konsistenti fid-dikjarazzjoni li l-valur probatorju tad-dokumenti portwali kien wiehed iuris tantum, u illi, tenut kont tal-prattiki negattivi da parti tas-socjeta' appellanti f'certu zmien biex tesigi *Clean Gate Pass Out,* dan id-dokument ma kellux jitqies li kien attendibbli jekk il-fatti jkunu juri li d-dikjarazzjoni nadifa fih ma kienetx tirrispekkja l-verita' tal-kondizzjoni tal-merkanzija fil-mument tal-konsenja lill-importatur.

L-ewwel Qorti jidher li fis-sentenza appellata segwiet propju dan l-insenjament gurisprudenzjali u wara li stabbliet, anke permezz ta' l-impjegati ta' l-istess socjeta' appellanti li ddeponew, il-mod kif gie rilaxxjat il-*Gate Pass Out* u n-nuqqas assoluta ta' verifika da parti taghhom, waslet ghall-konvinciment li ma setghetx tkun assigurata illi fil-mument meta l-vetturi gew rilaxxjati lis-socjeta' importatrici dawn verament kienu minghajr nuqqasijiet u hsarat kif minnhom certifikat fil-*Gate Pass Out*.

Kif sewwa wkoll indikat mill-ewwel Qorti ma jidher li hemm l-ebda accenn ta' kontestazzjoni dwar il-korrettezza tat-tally li sar fil-mument ta' l-izbark. Jirrizulta li dan it-tally sar kemm mir-rapprezentant tal-vapur kif ukoll mir-rapprezentant tas-socjeta' appellanti. Kien allura *Joint Tally* u dan hu provat minn dokumenti esebiti in atti. Hu wkoll importanti li jigi

notat li, fil-kaz taht ezami, kuntrarjament ghal dak li spiss kien jigri f'kazijiet ohra, ma jidher li saret l-ebda allegazzjoni da parti tas-socjeta' appellanti li t-tally kien sar b'mod mghaggel, jew, li, min ghamlu, ma kellux l-opportunita' li sewwa jezamina l-vetturi.

Infatti mit-tally esebit mis-socjeta' appellanti jidher li n-numru ta' karozzi godda mportati ghas-socjeta' importatrici kienu biss is-sitta Alpha Romeo mertu ta' din il-kawza, u zewg karozzi Mercedes. Hu ghal kollox inverosimili illi li kieku n-nuqqasijiet reklamati mis-socjeta' assikuratrici attrici kienu jezistu fil-mument ta' l-izbark, dawn kienu jigu notati waqt it-tally u fih registrati. Bizzejjed jinghad li l-parti l-kbira tad-danni reklamati jirreferu ghal zewg stereo casettes tal-valur ta' Lm270-il wiehed li nstabu nieqsa minn zewg vetturi. Hu allura aktar minn ovvju li una volta jidher li l-erba' vetturi l-ohra ta' l-istess marka u ghamla nizlu minn fuq il-vapur bl-istereo fihom, in-nuqqas ta' l-istereo fiz-zewg vetturi l-ohra kien zgur jigi notat. Kif zgur li kellu jigi notat dan in-nuqqas mill-impjegati tas-socjeta' appellanti meta dawn ifformolaw il-*Gate Pass Out* fil-mument li dawn il-vetturi gew rilaxxjati f'idejn l-importatur.

In-natura tad-danni tikkostitwixxi allura element ta' prova li kellu jigi apprezzat ukoll biex tigi accertata l-kredibilita' tal-verzjonijiet tal-kontendenti. Dan qed jinghad ghaliex l-uniku punt fl-aggravju ta' l-appellant nomine li seta' jiddisturba lill-Qorti fil-maturazzjoni tad-

decizjoni taghha, inkwantu li seta' jaghzel lil dan il-kaz minn ohrajn bhalu, hi s-sottomissjoni illi s-socjeta' assikuratrici attrici ma pprovatx konkluzzivament illi n-nuqqasijiet allegati kienu graw fiz-zmien meta l-vetturi kienu fil-kustodja tas-socjeta' appellanti ghaliex jidher li s-survey fuq il-vetturi kien sar mis-surveyor inkarigat mill-assigurazzjoni fil-garaxx tas-socjeta' importatrici u mhux waqt li kienu qed jigu rilaxxjati mis-socjeta' appellanti. L-appellanti nomine jissottomettu illi hemm prova li minnha jirrizulta li s-socjeta' attrici ghamlet is-survey waqt li l-karozzi kienu diga' fil-pussess tas-socjeta' importatrici.

Hu stabbilit mill-provi li l-persuna li l-ewwel rriskontrat in-nuqqasijiet in-nuqqasijiet fil-vetturi de quo kienet Joseph Catania, impjegat mas-socjeta' Muscats Motors Limited li mar ix-xatt biex jirtira l-karozzi minn idejn is-socjeta' appellanti. Hu spezzjona l-vetturi qabel ma gew rilaxxjati u, wara li ezaminahom, elenka n-nuqqasijiet f'dokument minnu esebit quddiem l-ewwel Qorti. L-istess impjegat iddikjara li s-surveyor tas-socjeta' assiguratrici attrici ma kienx f'dik l-okkazzjoni prezenti f'dak il-mument, pero' appena nhargu minn idejn is-socjeta' appellanti u ttiehdu fil-garaxx tas-socjeta' importatrici, is-surveyor ezamina l-vetturi hemm u ghamel il-valutazzjoni tad-danni.

Ic-cirkostanzi allura kienu tali li ma kienu jnisslu l-ebda dubju fil-Qorti li n-nuqqasijiet, li effettivament kienu notevoli, kienu verament gew notati

mill-impjegat tas-socjeta' importatrici meta l-vetturi kienu ghadhom ma gewx rilaxxjati mis-socjeta' appellanti, u ma kien hemm xejn li jpoggi fid-dubju l-attendibilita' u l-kredibilita' ta' dan ix-xhud u tad-dokument minnu esebit. F'dan din il-Qorti tikkonkorri ma' l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha.

Jista' jkun li din il-Qorti kien ikollha fehma differenti li kieku d-danni riskontrati kienu xort'ohra u li kieku kienu jinkludu hsarat u nuqqasijiet anqas apparenti. Il-fatt li, kif inghad, id-danni huma limitati tista' tghid ghal zewg stereos, li ovvjament gew asportati minn terzi njoti ghall-valur taghhom, iddghajjef sensibilment it-tezi tas-socjeta' appellanti, u din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, ma kellhiex diffikulta' biex tidentifika f'liema fazi tar-rilaxx tal-vetturi gew kagonati d-danni reklamati mis-socjeta' assikuratrici attrici u liema socjeta' konvenuta kienet allura responsabbli ghalihom. L-appell tas-socjeta' appellanti fil-mertu ma setghax allura jigi sostnut.

Is-socjeta' appellanti ghandha lment ukoll fir-rigward ta' dik il-parti tas-sentenza appellata li ddegretat li l-hlas ta' l-ispejjez tas-socjeta' konvenuta l-ohra S. Mifsud & Sons Limited kellu jigi sopportat ugwalment bejn iz-zewg socjetajiet konvenuti. Is-socjeta' appellanti tissottometti li s-socjeta' S. Mifsud & Sons Limited ma gietx imdahhla fil-kawza bhala parti fuq inizjattiva taghha. Kienet is-socjeta' attrici li

ghazlet li tiftah il-kawza wkoll kontra din is-socjeta' u kien allura d-dover ta' dik is-socjeta' attrici li tipprova l-kaz taghha kontra s-socjeta' konvenuta l-ohra. Jekk dan m'ghamlitux kienet hi li kellha thallas l-ispejjez. Dan l-aggravju jidher gustifikat. Infatti mill-atti ma jirrizulta xejn li jiggustifika lis-socjeta' assiguratrici attrici li tipprocedi wkoll kontra s-socjeta' S. Mifsud & Sons Limited nomine. Il-provi juru nfatti li s-socjeta' attrici kellha ghad-disposizzjoni taghha l-informazzjoni kollha mehtiega biex tasal hi stess preventivament ghall-konkluzzjoni li, jekk teskludi r-responsabilita' da parti tas-socjeta' maghha assigurata, id-danni setghu gew biss ikkagunati fiz-zmien meta l-vetturi kienu f'idejn is-socjeta' appellanti. Ma kienx hemm allura raguni ghaliex tipprocedi wkoll kontra s-socjeta' S. Mifsud & Sons Limited nomine. Dan hu wkoll apparenti mill-fatt li fil-kors tal-kawza, is-socjeta' assiguratrici attrici fl-ebda mument ma ttantat tipprova l-kaz taghha kontra din is-socjeta' l-ohra minnha citata. Dan propju ghax ma jidhirx li kien hemm dubbju sa mill-bidu nett illi s-socjeta' armatur tal-vapur kienet b'xi mod responsabbli ghad-danni reklamati mis-socjeta' importatrici. Dan l-aggravju dwar il-kap ta' l-ispejjez qed jigi ghalhekk milqugh u din il-Qorti ser tiddegreta li l-ispejjez kollha tas-socjeta' S. Mifsud & Sons Limited kellhom ikunu a karigu tas-socjeta' assikuratrici attrici.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell tas-socjeta' appellanti limitatament ghall-aggravju taghha dwar il-kap ta' l-ispejjez, u

tiddegreta illi l-ispejjez tas-socjeta' konvenuta S. Mifsud & Sons Limited nomine kellhom ikunu kollha, u cioe' taz-zewg istanzi a kariku tas-socjeta' attrici appellata. F'dan is-sens is-sentenza appellata qed tigi riformata. Ghall-bqija s-sentenza appellata qed tigi konfermata u l-appell michud. L-ispejjez kollha taz-zewg istanzi, hlief ghal dawk gia decizi, kellhom jibqghu a karigu tas-socjeta' appellanti The Cargo Handling Company Limited.

Dep/Reg

mm